

Brussell, 19 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7515/26

RECH 133
DRS 11
COMPET 351
IND 196
MI 269

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1800 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'18.3.2026 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi innovattivi, startups innovattivi u scaleups innovattivi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 1800 final.

Mehmuż: C(2026) 1800 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.3.2026
C(2026) 1800 final

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'18.3.2026

dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi innovattivi, startups innovattivi u scaleups innovattivi

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'18.3.2026

dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi innovattivi, startups innovattivi u scaleups innovattivi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Boxxla għall-Kompetittività tal-UE”¹ tfakkar li l-innovazzjoni hija xprun ewlieni tal-kompetittività u t-tkabbir fl-Unjoni.
- (2) Hemm bżonn mudell tal-kompetittività ġdid ibbażat fuq il-produttività mmexxija mill-innovazzjoni biex jiġi xprunat it-tkabbir ekonomiku futur. L-intrapriżi innovattivi, l-startups innovattivi u l-scaleups innovattivi, partikolarment dawk fil-qasam tat-teknoloġija profonda, għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp u fil-kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġiji innovattivi, li jpoġġihom fil-qalba tal-mudelli ekonomiċi bbażati fuq l-innovazzjoni.
- (3) Fil-Komunikazzjoni tagħha “L-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups”,² il-Kummissjoni ħabbret li se tipproponi definizzjoni ta' intrapriżi innovattivi, startups u scaleups.
- (4) L-intrapriżi tat-teknoloġija profonda, inkluż iżda mhux limitati għal dawk f'teknoloġiji strateġiċi bħat-teknoloġija diġitali, il-bijoteknoloġija u t-teknoloġija nadifa, huma partikolarment importanti għall-innovazzjoni minħabba li jsarrfu l-iskoperti xjentifiċi u teknoloġiċi mill-aktar avvanzati fi prodotti u f'industriji skalabbli, u spiss jiġġeneraw soluzzjonijiet trasformattivi b'impatt ekonomiku u soċjetali sinifikanti fit-tul. Għalhekk, jenħteġ li d-definizzjonijiet iqisu l-karatteristiċi partikolari tal-intrapriżi tat-teknoloġija profonda minħabba li ċ-ċikli ta' żvilupp tagħhom tipikament ikunu itwal u aktar intensivi fil-kapital minħabba attivitajiet kumplessi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż), validazzjoni regolatorja u maturazzjoni teknoloġika.
- (5) Diversi Stati Membri adottaw definizzjonijiet legali differenti ta' intrapriżi innovattivi, startups u scaleups, filwaqt li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014³ u r-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ stabbilew ukoll definizzjonijiet fil-livell tal-Unjoni għall-finijiet rispettivi tagħhom.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, COM(2025) 30 final, id-29 ta' Jannar 2025.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, L-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups, COM(2025) 270 finali tat-28 ta' Mejju 2025.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu

- (6) Il-miżuri tal-politika tal-innovazzjoni huma mfassla fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni biex jappoġġaw lill-intrapriżi innovattivi, lill-istartups innovattivi jew lill-iscaleups innovattivi. Fin-nuqqas ta' definizzjonijiet komuni, tali miżuri jaf jiġu applikati b'mod inkonsistenti bejn l-Istati Membri u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Dan jaf iwassal biex impriżi kklassifikati bħala intrapriżi innovattivi, startups innovattivi jew scaleups innovattivi fi Stat Membru wieħed ma jikkwalifikawx għal skemi ta' appoġġ komparabbli fi Stat Membru ieħor, u b'hekk ikun hemm restrizzjoni tal-attivitajiet transfruntiera u l-espansjoni fis-suq uniku. Tali inċertezza legali tista' tkun waħda minn ħafna raġunijiet li jiskoraġġixxu lill-intrapriżi kkonċernati milli joperaw jew jirrilokaw bejn l-Istati Membri. Skont il-loġika ta' suq uniku tal-UE mingħajr fruntieri interni, u filwaqt li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq referenza konsistenti, l-użu ta' sett ta' definizzjonijiet komuni ta' intrapriżi innovattivi, startups innovattivi u scaleups innovattivi jgħin biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fit-trattament tal-intrapriżi fl-Unjoni kollha.
- (7) Huma meħtieġa wkoll definizzjonijiet komuni fid-dawl tal-interazzjoni estensiva bejn il-miżuri nazzjonali u tal-Unjoni li jassistu lill-intrapriżi innovattivi, lill-istartups innovattivi u lill-iscaleups innovattivi. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-istess definizzjoni mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) ittejjeb l-allinjament, il-konsistenza u l-effettività tal-politiki mmirati lejn l-intrapriżi innovattivi, l-istartups innovattivi u l-iscaleups innovattivi u, għalhekk, tillimita r-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni relatata mal-aċċess inugwali għall-appoġġ pubbliku⁵.
- (8) Il-Kummissjoni diġà stabbiliet definizzjonijiet li jippermettu l-klassifikazzjoni tal-intrapriżi skont id-daqs, li jiddistingwu l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises), l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (SMCs, small mid-caps) u l-intrapriżi kbar. Jenħtieġ li d-definizzjonijiet ta' intrapriżi innovattivi, startups innovattivi u scaleups innovattivi bl-ebda mod ma jixħtu dubju fuq dawk il-klassifikazzjonijiet stabbiliti. Fejn rilevanti, id-definizzjonijiet ta' intrapriżi innovattivi, startups innovattivi u scaleups innovattivi jenħtieġ li jibnu fuq il-kriterji stabbiliti għall-SMEs u għall-SMCs, inklużi l-limiti tad-daqs u l-karatteristiċi strutturali.
- (9) Sabiex jiġi żgurat li jservu l-iskopijiet maħsuba, dawk id-definizzjonijiet jenħtieġ jirriflettu l-karatteristiċi distintivi ta' raggruppament speċifiku ħafna ta' intrapriżi, b'mod partikolari l-intrapriżi innovattivi, l-istartups innovattivi u l-iscaleups innovattivi u jibnu fuq kriterji u limiti oġġettivi. Għalhekk, huwa meħtieġ li dawk id-definizzjonijiet jiġu bbażati fuq kriterji faċilment applikabbli, bħal investimenti f'attivitajiet ta' innovazzjoni, età, daqs jew tkabbir.
- (10) F'konformità mal-klassifikazzjonijiet internazzjonali użati b'mod wiesa', "innovazzjoni" jenħtieġ li tiġi definita bħala prodott, servizz jew proċess ġdid jew imtejjeb li jvarja b'mod sinifikanti minn iterazzjonijiet preċedenti u li jkun disponibbli għall-utenti potenzjali.
- (11) L-attivitajiet ta' innovazzjoni jistgħu jiġu evidenzjati minn sforzi ta' R&Ż, li jikkorrispondu għal attivitajiet organizzati u intenzjonati mmirati lejn il-ġenerazzjoni

għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

⁵ Dan huwa mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti addizzjonali jew differenti li jistgħu jiġu imposti biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' inizjattivi ta' politika futuri.

ta' għarfien ġdid, u l-iżvilupp ta' prodotti, servizzi u proċessi ġodda jew imtejba. L-attivitajiet ta' R&Ż jenħtieġ li jiġu definiti skont il-klassifikazzjonijiet internazzjonali użati b'mod wiesa'⁶ u r-regoli tal-Unjoni. L-impenn strateġiku ta' intrapriża għall-attivitajiet tar-R&Ż jista' jiġi evidenzjat mir-riżorsi investiti f'dawk l-attivitajiet jew bħala proporzjon tal-kostijiet operatorji jew bħala proporzjon tad-dħul, u dan jissejjaħ b'mod komuni intensità tar-R&Ż.

- (12) Intrapriża tista' tkun innovattiva anke jekk ma tinvestix f'attivitajiet ta' R&Ż. Għalhekk, intrapriża jenħtieġ li titqies ukoll bħala innovattiva jekk tkun tista' turi li, fl-aħħar tliet snin, żviluppat, qed tiżviluppa jew fil-futur prevedibbli se tiżviluppa bl-għan tal-kummerċjalizzazzjoni, prodotti, servizzi jew proċessi tan-negozju li huma ġodda jew imtejba sostanzjalment meta mqabbla mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija tagħha, u li jgħorru riskju ta' falliment teknoloġiku jew industrijali.
- (13) L-istartups innovattivi u l-iscaleups innovattivi jenħtieġ li jiġu definiti bħala subsett ta' intrapriża innovattiva, minħabba li l-innovazzjoni hija l-karatteristika distintiva ewlenija li tista' tiġġustifika trattament ta' politika differenzjat, appoġġ pubbliku mmirat, u faċilitazzjoni regolatorja, li tiseparahom minn ditti ordinarji ġodda jew li qed jikbru malajr li jespandu mingħajr ma jiġġeneraw prodotti, servizzi, teknoloġiji jew mudelli ta' negozju ġodda.
- (14) L-istartups innovattivi jenħtieġ li jiġu definiti bl-użu ta' kriterji li jirriflettu n-natura innovattiva tagħhom, flimkien mal-limiti tad-daqs u tal-età. Sabiex tiġi żgurata kemm jista' jkun konsistenza mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE⁷, il-kriterji tat-total tal-karta tal-bilanċ u tal-fatturat għal impriża żgħira stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE jenħtieġ li japplikaw għad-definizzjoni ta' startup innovattiva. Madankollu, f'termini tal-għadd ta' persuni impjegati, huwa aktar xieraq li l-għadd massimu ta' persuni impjegati jiġi stabbilit għal 99, peress li dan jista' jippermetti lil ħafna startups innovattivi jibnu timijiet multidixxiplinari akbar matul il-fażi bikrija tat-tkabbir tagħhom, b'mod partikolari fis-setturi tat-teknoloġija profonda u f'dawk intensivi fl-iskala. Limitu ta' età ta' 10 snin għal startups innovattivi huwa xieraq biex ikopri wkoll startups, b'mod partikolari startups ta' teknoloġija profonda, li jistgħu jirrikjedu ċikli itwal ta' R&Ż, fażijiet ta' żvilupp intensivi fil-kapital, proċessi ta' validazzjoni regolatorja, u ġenerazzjoni ttardjata tad-dħul.
- (15) Jenħtieġ li l-iscaleups innovattivi jiġu definiti bl-użu ta' kriterji li jirriflettu n-natura innovattiva tagħhom, flimkien mad-dinamika tad-daqs u tat-tkabbir, abbażi tar-raġunament sottostanti għad-definizzjoni kwantitattiva tal-OECD tal-iskalaturi stabbilita fil-klassifikazzjonijiet użati b'mod wiesa'. Sabiex issir distinzjoni bejn l-iscaleups innovattivi u intrapriżi aktar stabbiliti, huwa xieraq li jiġi speċifikat daqs massimu għall-kumpaniji elenkati pubblikament, abbażi tal-limitu stabbilit għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2025/1099⁸. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li d-definizzjoni ta' scaleups innovattivi tkopri intrapriżi ta' maturità suffiċjenti u ma tikkoinċidix mad-definizzjoni ta' startups innovattivi, huwa meħtieġ li jiġi applikat fatturat jew total tal-karta tal-bilanċ minimu

⁶ Pereżempju, OECD, Frascati Manual 2015, Guidelines for Collecting and Reporting Data on Research and Experimental Development (Linji Gwida għall-Ġbir u r-Rapportar ta' Data dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Sperimentali).

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj>).

⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099 tal-21 ta' Mejju 2025 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. ĠU L, 2025/1099, 28.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2025/1099/oj>

abbażi tal-livelli limitu rilevanti stabbiliti għall-intrapriżi ta' daqs medju fir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE⁹.

TIRRAKKOMANDA:

1. Din ir-Rakkomandazzjoni tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi innovattivi, startups innovattivi, scaleups innovattivi użata fil-politiki tal-Unjoni applikati fl-Unjoni u fiż-Żona Ekonomika Ewropea.
2. L-Istati Membri, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investment (FEI), huma mistiedna:
 - (a) jużaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness meta jadottaw miżuri leġiżlattivi, ta' politika jew ta' appoġġ finanzjarju jew meta jimplimentaw programmi diretti lejn l-intrapriżi innovattivi, l-startups innovattivi u l-iscaleups innovattivi;
 - (b) jużaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness għall-fini tal-għbir tad-data dwar l-intrapriżi innovattivi, l-startups innovattivi u l-iscaleups innovattivi.
3. Din ir-Rakkomandazzjoni hi indirizzata lill-Istati Membri, lill-BEI u lill-FEI.
4. L-Istati Membri, il-BEI u l-FEI huma mistiedna jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe miżura li jkunu hađu biex jagħtu effett lil din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell, 18.3.2026

*Għall-Kummissjoni
Ekaterina ZAHARIEVA
Membru tal-Kummissjoni*



⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħira u ta' daqs medju (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (notifikata bid-dokument numru C(2003)1422). ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36–41
ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj>